MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Appell Civili Numru. 952/2009/1

**Talba Numru:952/2009MK fl-ismijiet: -**

**Jeffrey Aquilina**

**vs**

**Diana u Godwin konjugi Pullicino u b'digriet ta' dan it-Tribunal ta' nhar it-12 ta' Novembru 2010, giet ammessa bhala 'ntervenuta in kawza' s-Socjeta` 'Fogg Insurance Agencies Limited'**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fil-11 ta' Frar 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal***

*Wara li ra t-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta’ sitt mija u sittin ewro (€660) rapprezentanti danni sofferti mill-esponenti konsistenti f’telf ta’ xoghol minhabba korriment f’incident stradali li sehh fit-13 ta’ April 2009 f’Santa Venera ghal liema incident stradali kienet tahti unikament il-konvenuta Diana Pullicino li kienet qed issuq vettura numru EAQ-628. Parti mis-somma mitluba tinkludi spejjez medici inkorsi.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax legali u b’hekk il-konvenuti jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

*Ra r-risposta tal-konvenuti fejn qalu li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti m’humiex responsabbli tal-incident tat-13 ta’ April 2009 li fih kien involut l-attur; fl-incident de quo, ma rrizulta ebda korriment, l-attur ghandu fi kwalunkwe’ kaz u minghajr pregudizzzju ghas-suespost jgib prova tar-reklamati u tal-ispejjez allegatment inkorsi.*

*Bl-ispejjez u b’riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ra li fis-seduta tat-12 ta’ Novembru, 2010, it-Tribunal kien awtorizza lis-socjeta’ Fogg Insurance Limited, rapprezentata mill-Avukat Dott. Ramona Frendo, sabiex tintervjeni f’din it-talba u dan wara li sema’ lill-avukat tal-attur jiddikjara li ma sab ebda oggezzjoni sabex is-socjeta’ Fogg Insurance Limited tintervjeni f’din il-kawza.*

*Ra illi fit-12 ta’ Novembru 2011 giet milqugha talba sabiex is-socjeta’ Fogg Insutance Limited tintervjeni fil-kawza izda t-Tribunal ra illi din is-socjeta’ qatt ma ntavolat risposta.*

*Ra illi fis-seduta tal-4 ta’ Frar 2011, it-Tribunal issospenda l-prolazzjoni tas-sentenza peress illi ra illi kien hemm zewg risposti pprezentati minn naha tal-konvenuti u l-kawza giet differita ghall-informazzjoni ulterjuri u ghas-sentenza ghall-11 ta’ Frar 2011. Illi fis-seduta tal-11 ta’ Frar 2011 gie spjegat lit-Tribunal mill-Avukat Dr Roberta*

*Buhagiar li assocjat ruhha mall-Avukat Dr Ramona Frendo li kienet giet ipprezentata erronjament it-tieni risposta mill-konvenuti u ghaldaqstant xtaqet tirtiraha. It-Tribunal akkolga din it-talba u ordna l-isfilz ta' dik ir-risposta u thalliet ir-risposta pprezentata mill-Avukat Dr Simon Galea Testaferrata.*

*Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.*

*Sema' x-xhieda ta' Jeffrey Aquilina, PC David Portelli, Diana Pullicino u ra l-affidavit ta' Dr Alex Magri.*

*Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.*

***Ikkunsidra:***

*Mill-provi tal-attur jirrizulta li huwa kien qieghed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAE-185 fit-13 ta' April 2009 fi Triq Regjonali Santa Venera fid-direzzjoni lejn il-Marsa u ezattament qabel ma jibdew il-mini kien hemm vettura fuq in-naha tal-lemin miexja quddiemu u din il-vettura skiddjat u daret ghal fuqu bil-konsegwenza li sfat quddiemu u inevitabilment il-vettura tieghu laqtet din il-vettura. Illi l-attur jahdem bhala 'tile layer' u konsegwenza ta' dan l-incident qal illi ha skoss f'daru u ma setax imur ghax-xoghol. Dam ma jahdimx ghal erba' gimghat. Illi xogholu kien jikkonsisti ukoll fil-garr tal-madum kif ukoll jissuplixxi l-madum lil terzi. L-attur qieghed jitlob is-somma ta' sitt mija u sittin ewro (€660) bhala danni sofferti, konsistenti fi spejjez medici ta' mija u tnax-il ewro (€112) fizjoterapija, tnax-il ewro (€12) medicina awtorizzata minn Dr Alex Magri M.D., u danni ohra. Illi l-attur ezebixxa kopji ta' fatturi u rcevuta ta' medicinali li nefaq. Il-bqija tat-talba hija ekwivalenti ghad-danni sofferti minn nuqqas ta' dhul li kien tilef. L-attur spjega kif fil-gurnata tal-incident huwa kien ghaddej b'velocita' ta' bejn erbghin (40) u hamsin (50) kilometru fis-siegha u l-art kienet imxarrba ghaliex kienet qieghda taghmel ix-xita, meta f'daqqa wahda l-vettura ta' quddiemu lwiet ghal fuqu wara li kienet skiddjat u waqfet quddiemu bl-inevitabilita' li jidhol go fiha. L-attur xehed illi kien mar ghand it-tabib tal-poliklinika l-Mosta u mbaghad wara mar ghand it-tabib privat tieghu. It-tabib*

*tal-poliklinika kien iccertifika gimgha sick leave bil-possibilita' ta' estenzjonijiet ta' dan ic-certifikat. Illi b'kollox ic-certifikat ta' mard gie estiz ghal xahar. In kontro-ezami x-xhud qal illi huwa ma kienx issottometta dawn ic-certifikati lid-Divisjoni tas-Servizzi Socjali sabiex jiehu l-beneficcju socjali li huwa kien intitolat jiehu ghaliex kien inutili li japplika ghal beneficcji ta' mard ghaliex kien qieghed lura fil-pagamenti tal-bolla.*

*Illi mill-affidavit ipprezentat minn Dr Alex Magri M.D., gie kkonfermat li fit-13 ta' April 2009 l-attur kien sofra 'whiplash injury' wara li kien allegatment involut f'incident awtomobilistiku.*

*Illi t-Tribunal ra li l-affidavit ipprezentat mit-tabib Magri huwa ffirmat fl-20 ta' April 2009 fejn qal illi dan l-incident irrizulta billi l-attur li huwa tile layer ma setax jahdem ghal erba' gimghat sal-11 ta' Mejju 2009 skont certifikati mahruga ghad-Divizjoni tas-Servizzi Socjali. L-attur baqa' ma jahdimx sal-11 ta' Mejju 2011. Illi konsegwenza tal-griehi sofferti l-attur kellu bzonn ta' medicinali kif ukoll numru ta' sessjonijiet ta' fizjoterapija.*

*Illi t-Tribunal sema' lill-konvenuta Diana Pullicino tixhed illi hija kienet involuta f'incident awtomobilistiku meta skiddjat fi Triq Regjonali Santa Venera meta l-vettura taghha bin-numru ta' registrazzjoni EAQ-628 kienet skiddjat, daret u x'hin il-vettura waqfet sabet ruhha man-naha l-ohra tat-triq. Qalet ukoll illi kien hemm karozza gejja minn warajha li tilfet il-kontroll u habtet go fiha u l-vettura taghha regghet daret u spiccat in-naha l-ohra tat-Triq. Mal-incident hija ttiehdet l-isptar bl-ambulanza.*

*It-Tribunal ra wkoll ir-rapport imhejji mill-Pulizija wara li sema' l-verzjonijiet tal-persuni involuti fl-incident. It-Tribunal huwa sodisfatt illi filwaqt li l-verzjoni tal-konvenuta baqghet l-istess, il-verzjoni tal-attur tbiddlet ftit minn dak inhar tal-incident. Illi a tempo vergine l-attur qal lill-pulizija li huwa kien ra vettura fuq 'centre strip' u kif ghafas il-brejk skiddja u dahal gol-vettura tal-konvenuta. Izda l-attur xehed li meta l-vettura tal-konvenuta kienet skiddjat, daret ghal fuqu u inevitabilment laqatha. Ma*

*regax semma' li huwa kien ra l-vettura wieqfa fuq 'centre strip' kif kien qal lill-pulizija ftit hin wara l-incident.*

*It-Tribunal quddiemu ghandu kaz ta' kollizjoni multipla li effetivament kienet tinvolvi erba' vetturi. Illi l-ewwel vettura li skiddjat kienet tal-konvenuta, segwita minn dik tal-attur u segwita minn zewg vetturi ohra li wkoll habtu. Illi l-ewwel vettura li kienet skiddjat kienet dik misjuqa mill-konvenuta. Illi sussegwentement vetturi ohra li kienu warajha tilfu l-kontroll tal-vetturi taghhom aktarx meta taw brejk izda ma sofrewx griehi. Wahda mill-vetturi kienet il-vettura misjuqa mill-attur li kienet tilfet ukoll il-kontroll u habtet fil-vettura tal-konvenuta. Illi l-konvenuta ghalkemm kienet ittiehdet l-isptar bl-ambulanza ma kinetx sofriet ebda griehi gravi. Illi fil-hin tal-incident l-attur ma kien sofra ebda griehi izda ftit hin wara beda jhoss ugieh rizultat ta 'whiplash' mal-habta. Id-dijanjozi tal-'whiplash' giet ikkonfermata kemm mit-tabib tal-poliklinika tal-Mosta kif ukoll it-tabib privat tieghu.*

*Wara li sema' u evalwa l-provi, t-Tribunal jidhirlu li dan huwa kaz t'incident rizultat ta' sewqan b'velocita' relattivament eccessiva meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni il-kundizzjoni mxarrba tat-triq. Illi t-Tribunal jidhirlu li l-attur ma kienx qieghed jiehu l-prekawzjonijiet necessarji meta triq tinsab mxarrba. Illi hija l-fehma tat-Tribunal li l-velocita' tal-attur dak inhar ghadha tigi miejusa skont ic-cirkostanzi tat-temp dik il-gurnata. Illi f'temp bnazzi velocita' ta' 40/50 km fis-siegha tista' titqies normali izda meta l-art tkun imxarrba l-ibbrekjar ta' vettura fuq velocita' ta' 40/50 km fis-siegha jista' jkollha konsegwenza ta' skiddjar kif fil-fatt gara u tali cirkostanzi kkontribwew ghall-incident tieghu stess. Illi kieku l-attur zamm certu distanza partikolarment meta l-art kienet imxarrba u li kieku kien qieghed isuq iktar bil-mod ma kienx jiskidja. Illi evidentement huwa bbrejkja sewwa kif lemah il-vettura tal-konvenuta bil-konsegwenza li l-vettura skiddjat u dahlet f'dik tal-konvenuta.*

*Illi f'dan l-incident jirrizulta lit-Tribunal li l-vettura tal-attur kienet dahlet f'dik tal-konvenuta wara li l-attur tilef il-kontroll tal-vettura tieghu. Illi huwa minnu li l-konvenuta kienet skiddjat u tilfet il-kontrol. Izda meta l-attur habat go*

*fiha l-vettura tal-konvenuta kienet wieqfa. Illi meta tkun ix-xita huwa d-dmir ta' min ikun qieghed isuq illi jsuq b'velocita' kawta ghaliex facili li vettura tiskiddja f'cirkostanzi simili, kif fil-fatt gara. It-Tribunal in konkluzjoni jidhirlu li l-konvenuta m'ghandha l-ebda tort ghall-incident u konsegwentement m'ghandhiex ghalfejn tirrispondi ghal griehi tal-attur. Mill-provi deher car illi l-attur kellu jzomm certu distanza minn vettura u ohra u jsuq b'kawtela relattiva ghal kundizzjoni tat-triq imxarrba. Illi kieku l-attur saq iktar bil-mod u kien qieghed izomm certu distanza huwa kien ikollu hin bizzejjed sabiex jikkalkola u jikkontrolla ahjar il-'breaking speed' tieghu.*

*It-Tribunal, wara li sema' u evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu, huwa konvint li l-htija tal-griehi sofferti mill-attur huma tort is-sewqan imprudenti tal-istess attur meta saq b'certa velocita' fuq art imxarrba. Illi kien huwa li ghafas il-brejk tal-vettura tieghu bil-konsegwenza li tilef il-kontroll tal-vettura li kien qieghed isuq u kien hu li dahal fuq il-vettura tal-konvenuta.*

*Ghar-ragunijiet hawn imsemmija, t-Tribunal jidhirlu li l-attur naqas li jipprova l-kaz tieghu u ghaldaqstant ma jistax jakkolji t-talba tieghu.*

*Fic-cirkostanzi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tal-attur.*

*Spejjez a karigu tal-attur."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jeffrey Aquilna ID337875 M datat 24 ta' Frar 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li dan gie appuntat ghat-trattazzjoni finali ghas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Diana u Godwin konjugi Pullicino datata 21 ta' Marzu 2011 a fol. 6 tal-process fejn sostnew ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribubal ghal Talbiet Zghar hija gusta u timmerita

konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kollha kontra l-istess appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-18 ta’ Ottubru 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Ramona Frendo ghall-appellati. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghad-29 ta’ Marzu 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi datata 11 ta’ Frar 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern huwa msejjes fuq l-allegazzjoni li t-Tribunal ibbaza ruhu fuq konsiderazzjonijiet li prova taghhom jghid li ma kienx hemm fil-process bhala l-allegat speed eccessiv li t-Tribunal Ghal Talbiet Zghar attribwixxa lill-appellant li skond huwa kien il-kawza prossima tal-incident. Jghid li l-incident gie kkawzat ghaliex l-appellant sab quddiemu l-karozza tal-konvenuta, li wara li skiddjat kienet spiccat quddiemu u faccata tal-karozza misjuqa minnu.

Illi l-appellati u s-socjeta’ intervenuta fil-kawza ssottomettiet li la darba s-sorte huwa inqas minn €1,164.69 (**artikolu 8 (4) tal-Kap. 380)** l-unika appell li jista’ jsir huwa skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 8 (2) tal-Kap. 380** u la darba l-appell odjern huwa wiehed ta’ apprezzament ta’ fatti mit-Tribunal, mela allura dan l-appell kif impost ma jistax isir quddiem din il-Qorti.

Illi din il-Qorti thoss li minn ezami tal-imsemmi **artikolu 8 (2) tal-Kap. 380** jirrizulta li d-dritt ta’ appell f’kaz ta’ sorte li huwa inqas minn €1,164.69 (**artikolu 8 (4) tal-Kap. 380)** huwa ristrett ghall-kazijiet hemm indikati konsistenti f’(a)

fuq kull haga li jkollha x'taqsam mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal; (b) kull kwistjoni ta' preskrizzjoni; (c) fuq kull nuqqas ta` tharis tad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 7 (2)** u (d) fejn it-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami ta' imparzjalita' u ta' ekwita' skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella (**"Stephen Chircop vs Mary Grace Caruana"** (A.I.C. (PS) – 28 ta' April 2004).

Illi kif impost l-appell din il-Qorti thoss li certament dan ma jaqa' taht l-ebda wahda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmi artiikolu, lanqas l-**artikolu 8 (2) (d)** ghaliex lanqas ma hemm l-ebda vantazzjoni ta' lezjoni tal-kuncett ta' imparzjalita' tat-Tribunal fl-agir tieghu u fil-fatt dan ma kienx allegat mill-appellanti, li rrefera biss ghall-allegazzjoni li t-Tribunal mexa fuq provi li ma kienux jirrizultaw mill-process, haga li lanqas hija minna ghaliex kull ma kien hemm fl-istess decizjoni, hija li t-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ghamel apprezzament tal-fatti quddiemu, emmen lill-konvenuta u mhux lill-attur, u dan ghaliex l-attur inghad li biddel il-verzjoni tieghu ta' kif gara l-incident, minn dak li allega *a tempo vergine* li sehh, ghall-mod kif xehed fil-kawza, b'dan li t-Tribunal irretjeni li kien il-mod ta' investitura tal-vettura tieghu li wasal u allura kien il-kawza prossima tal-incident, inkluz l-i*speed* li kien qed isuq bih f'dawk il-kundizzjonijiet attwali u ambjentali hemm esistenti.

Illi ghalhekk abbazi ta' dak hawn deciz l-appell kif propost huwa improbonibbli u ma jistax isir skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 8 (2) tal-Kap. 380** li f'kazijiet li ma jaqghux taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 8 (3) tal-Kap. 380** ma tippermettiex appell bbazat biss fuq l-apprezzament ta' fatti li jkun ghamel it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar **("Grima Communications Ltd. vs Charles Farrugia et"** (A.I.C. (PS) – 5 ta' Marzu 2003) Ghalhekk l-appell odjern qed jigi michud.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appell tal-

appellati u tas-socjeta' intervenuta fil-kawza datata 21 ta' Marzu 2011 biss inkwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti fir-rikors tal-appell tieghu datat 24 ta' Frar 2011 ghaliex huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti tal-ligi ghaliex ma huwiex proponibbli skond id-disposizzjonijiet indikati fil-Kap. 380 u ghalhekk din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 11 ta' Frar 2011 fl-ismijiet premessi "Jeffrey Aquilina vs Diana Pullicino et" (Avviz Numru 952/09/MK) ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellanti Jeffrey Aquilina.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------